QORTI CIVILI PRIM`AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum it-Tlieta 30 ta` Mejju 2017

Kawza Nru. 16
Rik. Nru. 364/2015 JZM

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija NFR Ltd (C49560) li kienet xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tat-30 ta` Novembru 2015**

Il-Qorti :

Rat id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc tal-kumpannija NFR Ltd (C49560).

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Semghet ix-xiehda ta` Roger Xuereb fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2016.

Rat l-atti li kienu prezentati fil-kors tal-istralc.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati ghal kollox.

U billi tharsu l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386.

Qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija NFR Ltd (C49560) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija NFR Ltd (C49560).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**